TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 42/79

Kaz Nru 45

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina Pauline Magro
u
d-ditta Jos. Fiorentino Ltd.
(li qabel kien jisimha
Rothwell Industries
Malta Ltd.)

Data : 5 ta' April, 1979.

Chairman : C.J. Mallia.

Is-Sinjorina Pauline Magro kienet kitbet lill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali li hija kienet giet imkeccija ingustament minn ma' Rothwell Industries (Malta) Ltd. Ghalhekk, fil-21 ta' Frar, 1979, il-Ministru irreferit dan il-kaz lit-Tribunal, skond l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

2. Il-partijiet. Miss Pauline Magro kienet assistita mis-Sur A.J. Tabone, Ghad-ditta, li sadattant kienet bidlet isimha u saret Jos. Fiorentino Ltd., dehret Miss Marion Ebejer, Assistant Manager.

3. It-tkeccija. Fit-23 ta' Awwissu, 1976, Miss Magro kienet giet impjegata ma' din id-ditta bhala Presser. Il-Pressers jaghtu d-daqqa finali lill-hwejjeg (principalment dbielet u qomos) li taghmel il-kumpannija, billi jghadduhom. 'Probation' specjali ma kienx hemm miftehma, u ghalhekk operat dik normali ta' tlett xhur. Din il-'probation' l-appellanti ghaddieta minghajr tfixkil. Fit-28 ta' Lulju,

/2. .....

1978, Miss Magro giet imkeccija minn ma' din id-ditta. Ic-certifikat ta' temm ta' impieg jaghti bhala raguni ghat-tkeccija : "Bad workmanship".

4. Smigh. Biex jisma l-kaz, it-Tribunal zamm hames seduti, u semgha ix-xhieda ta'

Miss Pauline Magro, l-appellanti,
Miss Carmen Casha, Presser,
Miss Doris Micallef, Presser,
Miss Anna Ellul, Clerk/Secretary,
Mr Louis Zerafa, Pressing Section Supervisor,
Miss Rose Sammut, Assistant Production Manager,
Miss Marthese Farrugia, Trimmer,
Mr Alfred Pule', Production Manager.

5. Il-kaz skond l-appellanti:
Fl-istatement of case taghha, Miss Magro issottomettiet principalment dan:

(a) Li l-incident li wassal ghat-tkeccija taghha. kien li hi kellha 'bundle' ta' dbielet li ma setghetx tirranga bil-pressing.

(b) Li hi ma kellix twissijiet qabel bil-miktub.

(c) Li kull twissija li saretilha qabel l-l ta' Jannar, 1978, kienet giet imhassra f'dik id-data.

6. Il-kaz skond l-'employer'. Id-ditta minn-nahha taghha qalet lit-Tribunal:

(a) Illi hadu hafna pacenzja b'Miss Magro qabel keccewha.

(b) Li hi kellha 'record' hazin ferm.

(c) Li f'Novembru 1977 hi kienet giet imwissija, ghal hames darba qalu, fuq 'low production'.

(d) Li Miss Magro kienet inghatat diversi twissijiet dwar xoghol hazin, produzzjoni baxxa, ghajjat, u ghax titrispondi lil min kien fuqha.

(e) Li meta hi tkecciet fit-28 ta' Lulju, 1978, dan kien ghax persistentement baqghet tghaddi hazin wara li kienet giet murija kif tghaddi sewwa.

(f) Il-'pressing' hazin taghha kollhu rega sar sewwa minn 'Pressers' ohra.

(g) Intqal ukoll li, wara li hi kienet tghat 'notice' li tielqa fit-30 ta' Awwissu, 1977, u wara li hi apologizzat ghall-imgieba hazina taghha, il-'management' hafrilha u rega accettaha ghax-xoghol.

(h) Id-ditta kompliet tghid li Miss Magro u ommha ghamlu ghas-Sur Alfred Pule', il-Production Manager, wara t-tkeccija, u kellha tissejjah il-pulizija.

7. Provi. Naraw issa jekk gewx pruvati quddiem it-Tribunal it-tezijiet taz-zewg nahhat imsemmija fil-paragrafi 5 u 6 hawn fuq. Nibdew b'dak li gie sottomess ghan-nom ta' Miss Magro.

(a) Ma giex pruvat li hi ma setghetx tirranga bil-moghdija dak il-'bundle' ta' dbielet. Fix-xhieda taghhom, kemm is-Sur Louis Zerafa (Pressing Section

Supervisor), kif ukoll is-Sur Alfred Pule' (Production Manager), qalu li x-xoghol hazin ta' Miss Magro, wara li hi rrifjutat li tirrangah, inghata lil haddiehor, u dawn irrangawh.

(b) Ma deherx minnhu anqas li hi qabel ma kellix twissijiet bil-miktub. L-ewwelnett warnings mhux bilfors jinghataw bil-miktub. Miss Anna Ellul xehdet li kienu jinghataw tlett warnings verbali, u normalment l-ahhar wiehed bil-miktub. Bil-miktub, kien hemm dak tat-22 ta' Novembru, 1977.

(c) Miss Ellul xehdet ukoll li warnings kienu validi ghal sena, u mhux li jithassru ma l-ewwel tas-sena. L-ispirtu ta' dan it-thassir zgur ma kienx biex wiehed jerga' jibda jabbuza, imma biex min ikun nidem minn nuqqas ikun jista' jerga jkollu 'clean sheet'.

8. <u>Tezi tad-ditta</u>. Nghaddu issa ghal dak li qalet il-kumpannija biex tiggustifika t-tkeccija, u niehdu wiehed wiehed il-punti msemmijin fil-paragrafu 6 hawn fuq.

(a) Illi hadu hafna pacenzja b'Miss Magro qabel keccewha jidher li veru mill-kompless tax-xhieda.

(b) Li hi kellha 'record' hazin ferm gie ukoll pruvat mix-xhieda. Miss Doris Micallef u Miss Carmen Casha (Dressers) xehdu li Miss Magro kienet tghidilhom biex izommu l-produzzjoni baxxa. Is-Sur Alfred Pule' (Production Manager) xehed li semaghha hu tghid lill-ohrajn biex izommu 'performance' baxxa. Miss Magro qalet li dan ma kienx tixwix, imma huma kienu biss ftehmu li

jzommu l-'output' ragonevolment baxx biex ma jippretendux produzzjoni gholja minnhom meta x-xoghol ikun izjed difficli (e.g., dbielet ippjegati). Aparti mill-verosomiljanza jew le taz-zewg versjonijiet, atteggjament simili, anke kieku miftihem bejn l-impjegati, mhux ammessibbli fl-interessi ta' l-ekonomija kemm ta' fabbrika u kemm nazzjonali.

(c) Li f'Novembru 1977 hi kienet giet imwissija fuq 'low production' gie ppruvat minn warning miktub li tieghu giet esibita kopja, ghad li ma giex ippruvat seww li dan kien il-hames warning fuq dan in-nuqqas.

(d) Ix-xhud Mr. Pule' xehet li Miss Magro kienet inghatat diversi 'warnings', bicciet minnhom verbali. Li kien hemm xoghol hazin, produzzjoni baxxa, ghajjat, insubordinazzjoni u theddid hareg ukoll mix-xhieda u mill-provi. Miss Magro xehdet li hi gie li hadet 'production bonus', u dan ma giex kontestat. Mal-provi l-ohra, dan juri biss li meta trid hija kienet taf tittella x-xoghol.

(e) Is-Sur Pule', xhud ghad-ditta, qal li Miss Magro, barra minn pressing hazin, kienet hassret 60 dublett. Hu qal li s-shana tal-hadida taghha kienet giet issettjata sewwa minnhu ghax-xoghol li kella imma hi bidletha u harqet zips u drapp (ta' dan intwerew kampjuni). Id-difiza ta' Miss Magro ma wiegbitx ghal dan sodisfacjentement.

(f) Illi l-pressing hazin ta' Miss Magro rega sar sewwa minn Pressers ohrajn hareg mix-xhieda kemm tas-Sur Pule' u kemm tas-Sur Louis Zerafa (Supervisor tal-Pressers). Is-Sur Zerafa qal li Miss Magro irrifjutat li tirranga x-xoghol hazin qabel dan inghata lill-ohrajn.

/6. .....

(g) L-incident tan-notice li Miss Magro tat fit-30 ta' Awwissu, 1977, u ta' dik li d-ditta sejhetilha l-"mahfra" li giet wara, ma hu car xejn. Miss Magro ma gabetx ix-xhieda personali tad-Dentist Portelli biex turi li hi ma qaghdetx ghal l-overtime ghax kella appuntament mieghu. Minn-nahha l-ohra overtime b'short notice izjed u izjed mhux obbligatorju. Ghalhekk, mhux car x'kienet dik li issejhet "imgieba hazina" u ma jiftehimx ghal xix kien hemm bzonn mahfra.

(h) Fl-ahharnett, ghal Jos. Fiorentino Ltd., intqal li Miss Magro u l-mama' taghha ghamlu ghas-Sur Pule' u ssejhet il-pulizija. Fuq dan, kif kien il-kaz, il-pulizija ressqet lil Miss Pauline Magro u lil Mrs. Carmen Magro quddiem Magistrat, li fit-28 ta' Frar, 1979, semgha l-provi, ma rrizultatx l-imputazzjoni, u ghalhekk ma sabhomx hatja u lliberahom.

9. Doveri tal-haddiem. L-artikolu 28 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 jghid bl-aktar mod car li "ir-rimedju ta' haddiem imkecci ngustament ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort' ohra". B'hekk huwa protett d-dritt tal-haddiem ghax-xoghol garantit mill-Kostituzzjoni. Izda l-impieg mhux gustifikat biss bill-bzonn ta' kull haddiem li jaqla l-ghajxien tieghu. Kull min jahdem irid jifhem li l-impieg tieghu ghandu wkoll bhala mira l-produzzjoni. Ghalhekk huwa mistenni li jipproduci, li jaghti xoghol tajjeb, u li ma jfixkelx il-produzzjoni ta' shabu. F'dawn il-hwejjeg, it-Tribunal ihossu wkoll marbut bl-artikolu 32 ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, fejn dak l-artikolu jghid li, fost hwejjeg ohra, t-Tribunal ghandu jqis il-

/7. .....

htigiet ta' kull pjan nazzjonali ta' zvilupp u politika ekonomika tal-Gvern. Dawn jitolbu li l-haddiem jaghti l-ahjar li jista f'dik li hi produzzjoni.

10. Konkluzjonijiet. It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-istqarrijiet tal-partijiet u s-sottomissjonijiet tar-rapprezentanti taghhom; ra u wizen id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti; qies l-element ta' kredibilita' fejn saru stqarrijiet konfliggenti; u ha in konsiderazzjoni il-merti kollha tal-kaz. B'dispjacir jinnota li, bhal f'bosta kazi ta' qabel dan, il-partijiet ma laqghux l-istedina li t-Tribunal ghamillhom ripetutament biex jaslu ghal ftehim amikevoli. B'hekk, anke kieku kien il-kaz li t-Tribunal jordna 'reinstatement' (li l-istess appellanti ma talbithux), dan ma kienx ikun "prattikabbli" (ara l-artikolu 33 (1) (b) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976) imhabba l-antagonizmu li zdied waqt it-trattazzjoni. Fid-dawl ta' dak kollhu li intqal hawn fuq, it-Tribunal isib li, anke wara li kienet nefqet hin u flus biex tghallem lil din l-impjegata, d-ditta ma tantx setghet izzomma.

11. AWARD. Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx li din it-tkeccija ta' Miss Pauline Magro kienet ingusta, u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

5 ta' April, 1979.
em